## JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2001
Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 2** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

Isem: ____________________________ Klassi: _____________

**Taqsima A**
**Imla' l-vojt b'dawn il-kliem.**
Identita', individwu, egoiżmu, post-sekondarja, mezzi ta' komunikazzjoni, normi, wirt, kulturali, globalizzazzjoni, interazzjoni, proċess.

1. Permezz ta' _______________________ id-dinja qed issir raħal wieħed.
2. Il-_______________________ jgħinu fl-edukazzjoni informali.
3. Is-soċjalizzazzjoni tgħinna nitgħallmu in-_______________________ tal-grupp.
4. Kull _______________________ għandu d-drittijiet u dmirjiet lejn is-soċjeta'.
5. Bħala Maltin għandna nibżgħu għall-_______________________ tagħna għaliex dan jagħtina _______________________.
6. Waqt id-divertiment tkun qegħda issir _______________________.
7. _______________________ ifisser mixja maż-żmien waqt li qed isir xi proġett.
8. Wara li student/a jispiċċa/tispiċċa l-iskola sekondarja jista'/tista' jkompli/tkompli l-iskola _______________________.
9. Xi kultant fil-grupp, għalkemm ikun qed isir il-proċess ta' għajnuna, jista' jfeġġ l-_______________________ minħabba interessi personali.

**(10 marki)**

**Taqsima B**
**Qabbel lista A ma B billi tikteb numru fil-kolonna tan-nofs.**

| | Lista A | | Lista B |
|---|---|---|---|
| 1. | Identita' | | Kotba, gazzetti, radju, T.V., computer |
| 2. | Soċjalizzazzjoni | | Dak li naf li hu tajjeb u ta' ġid għal ħajti u allura naħdem u nistinka biex nakkwistah. |
| 3. | Gruppi Soċjali | | Regoli li għandhom imexxu l-għemil u l-imġiba tiegħu fis-soċjeta' |
| 4. | Edukazzjoni Formali | | Edukazzjoni primarja, sekondarja u post-sekondarja . |
| 5. | Mezzi ta' Komunikazzjoni | | L-idea li wieħed ikun jaf sew hu min hu, ikollu sens tiegħu nnifsu u jkun ħieles minn indħil f'ħajtu. |
| 6. | L-interdipendenza | | Proċess ta' tagħlim u edukazzjoni fir-regoli ta' mġiba fis-soċjeta' li tagħmel parti minnu. |
| 7. | Wirt Kulturali | | Il-familja, il-klassi, l-iskola, ir-raħal, il-kunsill lokali, għaqda volontarja. |
| 8. | Individwu | | Individwi u gruppi li jiddependu minn xulxin. |
| 9. | Valuri | | Il-lingwa nazzjonali, id-drawwiet u r-reliġjon |
| 10. | Normi soċjali | | Is-soċjeta' tiddependi mir-rwol ta' kull wieħed minn dawn. |

**10 marki**

**Taqsima Ċ**
**Aqra din is-silta u wieġeb.**

Iktar ma jgħaddi żmien, aktar il-bniedem isir konxju li ħaddieħor għandu bżonnijiet bħal tiegħu. Minħabba f'hekk il-bnedmin ifittxu li jidħlu f'kuntatt ma' ħaddieħor biex joffri l-għajnuna u l-ħbiberija tagħhom. Mandankollu f'dan il-proċess ta' għajnuna u kuntatti ma' ħaddieħor, jidħol (kultant bla ma rridu) l-egoiżmu, jew it-tendenza li wieħed jaħseb għar-rasu. L-egoiżmu huwa għalhekk f'kuntrast kbir mat-tendenza soċjali li aktar tiddomina fil-bniedem. L-egoiżmu jġib konflitti fil-grupp.

(Madwar is-Soċjeta – Effie Masini)

**Wieġeb fl-ispazju pprovdut.**

1. Għaliex tinħass il-ħtieġa li jkun hemm firxa ta' kuntatti ma' ħaddieħor?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

2. Kif jista' jsir proċess ta' għajnuna fi grupp? Agħti tliet eżempji.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(3 marki)

3. Semmi ħames vantaġġi li wieħed jikseb meta jkun fi grupp.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5 marki)

4. Agħti tliet eżempji ta' gruppi soċjali u ikteb 5 sentenzi fuq ir-rwol ta' **wieħed** minnhom.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(8 marki)

5. Spjega fil-qosor kif l-interessi tal-grupp jistgħu jaħdmu flimkien.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(7 marki)

**Total 25 marka**

**Taqsima D**
**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Kif tista' sseħħ l-edukazzjoni informali? Agħti mill-inqas 4 eżempji.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4 marki)

2. Agħżel mezz li bih titwettaq l-edukazzjoni informali u spjega x'rwol għandu fil proċess ta' soċjalizzazzjoni.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5 marki)

1. Għaliex għandna nibżgħu għall-wirt kulturali tagħna? Semmi għaqda nazzjonali li taħdem b'riżq il-wirt kulturali Malti.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5 marki)

4. Taħseb li l-Maltin huma konxji ta' l-ambjent ta' madwarhom? Semmi eżempji ta' kif il-Maltin qed isiru aktar konxji ta' l-ambjent.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(6 marki)

**Total 20 marka**

**Taqsima E**
**Agħżel wieħed minn dawn u ikteb paragrafu ta' 10 linji.**

1. L-Unjoni Ewropeja
2. Il-Ġnus Magħquda
3. Il-Kunsill ta' l-Ewropa
4. L-Għaqda tas-Salib l-Aħmar

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(10 marki)

**Taqsima F**

**<u>Agħżel wieħed minn dawn u ikteb madwar 200 kelma</u>.**

1. Uri kif il-Maltin dejjem urew solidarjeta' internazzjonali.
2. Il-'peer group' bħala pressure group.
3. Bil-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, id-dinja ssir raħal wieħed globali. Int kif taħsibha dwar dan?

**25 marka**